MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru. 100/2002
Kawza Numru. 2

**Il-Pulizija**
**(Assistant Kummissarju Neil Harrison)**

**Vs**

**Alan Vella.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alan Vella ta’ 20 sena, iben Raymond u Maria nee Ciarlo’, imwieled fil-Pieta’ fis-19 t’April 1981 u joqgħod 74 Stardust, Triq Barth, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 209281 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-21 ta’ Jannar 2002 u matul l-aħħar sitt xhur qabel din id-data:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/I mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussesgwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dawr il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni gaħħl-importazzjoni jew espeotazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provduit fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-att tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2092 tal-1981, il-kopja tal-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Christopher Lawrence Malcolm Milton' (a fol 6), il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr

Consuelo Scerri Herrera intitolat ‘ Chris Milton u Stefanie Cauchi investigati dwar it-teħid tad-drogi’, l-istqarrija tal-imputat a fol 45, il-fedina penali tiegħu (fol 48), l-ordni tal-Avukat Ġenerali (fol 47), il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel l-analiżi, ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 102), u l-proċess ‘Supretendent Neil Harrison vs Joseph Zammit’ (dok MM) u l-istess kopja tal-proċess a fol 133.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat.

Il-Fatti

Skond il-Prosekuzzjoni fl-24 ta’ Jannar 2002, il-Pulizija kienu sabu lill-imputat fil-garaxx tiegħu flimkien ma’ Christopher Milton. Mill-garaxx tal-imputat il-Pulziija elevat żewġ boroż bi trab kannella suspettata eroina imqas, mus, żewġ siringi, xi citric acid, miżien u oġġetti oħra relatati mad-droga. Instab ukoll mobile tad-ditta Panasonic. Dawn kienu esibiti (fol 75) u ntagħrfu minn PC 579 Antonin Micallef.

L-Istqarrija tal-Imputat

Fl-istqarrija l-imputat kien qal li s-citric acid kien tiegħu u s-siringi kienu ġabuhom flimkien darb’oħra. Il-boroż kienu waħda tiegħu u waħda ta’ Milton. Kienu xtrawhom dak in-nhar stess meta marru bil-karozza Polo tal-imputat stess għand wieħed (li huwa semma) minn Ħal-Qormi. L-imputat innga li hu kien ibiegħ l-eroina. Iżda mbagħad qal li kien jagħti b’xejn lil sħabu. Meta ma kienx ikollu hu kien jagħtihom naqra minn tiegħu. Huwa rrefera għal okkażjonijiet meta kien ta d-droga lil Christopher Milton.

Xehed Christopher Milton li qal li dak iż-żmien meta nvestigawh il-Pulizija (8 ta' Diċembru 2001) kien jixtri d-droga minn għand l-imputat li kienu jgħidulu 's-sika'. L-imputat kellu VW Polo SIC 007. Huwa kien jixtri pakketti tal-eroina Lm10. Ġieli xtara wkoll pakkett ta' nofs gramma.

Xehdu PC 10 Trevor Cassar Mallia u PC 1013 Raymond Debono li kkonfermaw li meta marru fil-garaxx l-imputat kellu żewġ boroż kannella f'idu. Huma kkonfermaw li kienu elevaw l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-abbuż tad-droga. (fol 62 u 64).

Xehdu wkoll PS 651 Joseph Tonna u PC 579 Antoine Micallef li wkoll ikkonfermaw li l-imputat kellu żewġ boroż f'idejh. Semmew wkoll l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-abbuż tad-droga.

Xehdet ukoll Stephanie Cauchi li kkonfermat li kienet ġiet arrestata fis-6 ta' Diċembru 2001. Hija qalet li kienet tuża d-droga eroina u f'Diċembru 2001 kienet ilha tieħu d-droga madwar xahrejn. Hija qalet li ġieli kienet tkun fil-Pjazza ta' Fra Diegu u kienu jmorru n-nies bil-karozzi. Lis-Sika hija ma kenitx tarah minn wiċċu.Hawn inqaratilha l-istqarrija li kienet iġġuramentat quddiem il-Maġistrat. (fol 88et). Ix-xhud qalet li ma kentix tiftakar kollox. (fol 91). Ix-xhud baqgħet tgħid li kellu karozza ħadra Volkswagen.

Il-Prosekutur fakkar lix-xhud x'kienet qalet lill-Maġistrat. Hi kienet qalet li kienet xtrat xi ħames darbiet minn għand l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni staqsiet lix-xhud:

***''Pros: Fejn rajtu?***
***Xhud: Meta kien fil-pjazza.***
***Pros: Mela ngħid sew li rajtu inti lil din il-persuna.***
***Xhud: Iva imma kont insejt.***
***Pros: Kont rajt il-persuna.***
***Xhud. Le mhux rajt il-persuna. Naf in-number plate.***
***Pros: Il-persuna rajtha fiha?***
***Xhud: Le qatt.***

Hija kompliet tixhed li Christopher Milton kien imur jixtri l-eroina minn għand l-imputat. (fol 94).

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li Chris Milton kellu problema tad-droga. Qalet ukoll li ġieli kien imur jixtri l-boyfriend u ġieli marret tixtri hi miegħu. Kienet taf il-laqam għax kien isemmieh Christopher Milton. Ix-xhud qalet li qatt ma kienet rat lill-imputat.

Mix-xhieda forensika jirriżulta li għand l-imputat instabu żewġ boroż ta' 0.653 g u 0.830 g ta' eroina. (Total ta' 1.483 ta' 35% purita')

Xehed ukoll Christopher Darmanin , rappreżentant tad-Direttorat tal-Liċenzji li qal li Volks Wagen Polo ħadra SIC 007 kienet ta' Raymond Vella mill-Hamrun u kienet ilha tgħajjat lil din il-persuna sa mit-23 ta' Frar 2000.

Xehed ukoll Joseph Zammit li qal li kien qed jagħraf lill-imputat. Huwa qal li daqqa kien iġib id-droga hu (ix-xhud) u daqqa kien iġib l-imputat u kien iħallas lill-imputat. (fol 180 u fol 181). Meta nqratlu l-istqarrija li kien iġġuramenta huwa qal li 'Alan is-Sika' kien l-imputat. Huwa ma setax jiftakar eżatt kemm-il darba kien xtara minn għand l-imputat. Huwa kein xtara d-droga fiż-żmien li semma fl-istatement ġuramentat. Huwa kien għamel sa qisu Novembru 2001 imdaħħal fid-droga. Kienu ilu hekk għal xi disa' xhur (madwar Frar 2001'il quddiem).

**Difiża**

Xehd l-imputatfis-16 t'Ottubru 2009. Huwa qal li kien jeiħu d-droga u kien qabad il-vizzju. Huwa kein jagħmilha ma' kumpanija ħażina. Dan ġara wara li kellu xi jgħid mat-tfajla. Huwa qal li dak iż-żmien huwa kien jixxerja. Meta marru l-Pulizija kein ċempillu Milton biex imorru jixtru d-droga. Filfatt hekk kienu għamlu. Id-droga kollha li kien hemm kienet dik li taw lill-Pulizija. Fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kien qiegħed f'esperiment dwar il-parole flimkien

ma' tnejn oħra. Għalhekk bħal issa qed jagħmlu xogħol volontarju.

L-imputat qal li l-istess kien isir ma' Joseph Zammit.

Fil-kontro-eżami l-imputat innega li kien ibeigħ id-droga. Dwsar l-istqarrija li għamel għand il-Pulizija, l-imputat qal li llum irid jibda ħajja ġdida u għalhekk kien qed 'jritira' l-ewwel aprti tal-istqarrija li kien għamel. Huwa ma kkonfermax dik il-parti tal-istqarrija bil-ġurament.

Xehed Kevin Borg. Segretarju tal-Kunsill Lokali Paola u qal li l-imputat kien eżemplari fx-xogħol tiegħu.

Ray Grech, rappreżentant tas-Seqa, qal li Alan Vella tal-passat kien wieħed imqareb waqt li Alan Vella ta' llum matur.

Xehed ukoll is-Supretendent Abraham Zammit li qal li l-imputat qed ikun jaħdem barra flimkien ma' żewġ persuni oħra. Kienu jagħmlulhom surprise visits u dejjem isibuh fuq ix-xogħol. Kien priġunier eżemplari.

Fl-aħħarnett xehed ukoll is-sur Raymond Vella, missier l-imputat, li qal ukoll li llum ibnu nbidel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Prosekuzzjoni akkużat lill-imputat bi traffikar tad-droga eroina. Mil-istqarrija tal-imputat stess jirriżulta li l-imputat li huwa kien jagħti d-droga lil ħadd ieħor bla ma jieħu flus. Dak in-nhar tat-tfittxija mill-Pulizija f'idejh kellu borża tiegħu u borża ta' Christopher Milton. Mill-istess stqarrija jirriżulta li mhux l-ewwel darba li kien ta d-droga lil Milton.

Mix-xhieda ta' Christopehr Milton jirriżulta li fiż-żmien indiakt fiċ-ċitazzjoni (ara fol 53) huwa kien jixtri minn għand l-imputat (fol 55) u semma l-flus li kien iħallas. U jidher li dan kien isir ripetutament.

Mix-xhieda ta' Stephanie Cauchi jirriżulta li lill-imputat kienet ratu ukoll jekk baqgħet tiċħad li qatt ratu. Meta

kienet konfrontata bix-xheida ġuramentata, hija qalet li ma kenitx tiftakr kollox. Iżda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti keient qalet hekk nhar it-8 ta' Diċembru 2001:

*''….jiena ġieli xtrajt minn għand persuna bl-isem Alan magħruf bħala s-Sika. Dan jgħix bejn il-Hamrun u l-Pieta', għandu Volkswagen Polo ħadra. Jiġi jbiegħ d-droga fil-Pjazza ta' Fra Diegu l-Hamrun. In-numru tar-reġsitrazzjoni tal-vettura huwa SIC….Fuq quddiem hemm sticker 'driven bu Sica.'*

*Naf li għandu garage f'dawk l-akkwati wara l-istabbiliment Fenech Arredamenti. Dan kien ibiegħli l-eroina bil-prezz ta' tmien liri jew għaxar liri Maltin. Naf li jbiegħ bil-gramma wkoll.*

*Xtrajt xi ħames darbiet minn għandu. L-aħħar darba xi tliet ġimgħat ilu. Il-vettura hija reġistrata fuq missieru.' (fol 32).*

Fil-Qorti ftakret fil-VW u qalet li Christopher kien imur jixtri u mhux hui. Frankament il-Qorti rat lil din ix-xhud tixhed u kulma kienet qed tagħmel kien li tgħid mill-anqas. Id-dettalji fl-istqarrija huma ċari u kien fl-istqarrija ġuramentata li kienet qed tgħid il-verita'. Iżda wkoll jekk il-Qorti tibqa' fuq dak li qalet din ix-xhud fuq il-pedana tax-xhieda, il-Qorti ma jibqgħalha ebda dubju li l-imputat kien qed ibiegħ id-droga fil-Pjazza ta' Fra Djegu ġewwa l-Hamrun fiż-żmein indikat fl-imputazzjoni.. Hemm wisq kumbinazzjonijiet VW ħadra, il-pjazza tal-Hamrun, ix-xiri tal-eroina minn 'ħadd ieħor'. Meta ix-xhud inkixfet li kient rat lix-xhud ippruvat tgħid li kienet insiet u reġgħet qalet li tiftakar in-number plate.

Fl-aħħarnett xhed Joe Zammit li kien ukoll irilaxxja stqarfrija ġuramentat u saħansitra indika lill-imputat bħala l-bniedem li kien qed ifornih bid-droga matul is-sena 2001. Huwa wkoll qal fl-isqarrija ġuramentata li ienu ilu xi disa' xhur (minn Frar 20021 'il quddiem) u

‘Minn għand Alan is-Sika ġieli xtrajt ukoll, bil-prezz ta’ Lm35-il gramma eroina.  Dak iż-żmien is-Sika kellu Polo ħadra numru SIC 007.’

Fuq il-pedna tax-xhieda dan ix-xhud għall-ewwl qal li daqqa kien iġib l-imputat u daqqa hu. Meta nqaratlu l-aħħar aprti tax-xheida ġuramentata u l-Prosekuzzjoni ġibditlu l-attenzjoni għal dak li kien qal dwar ix-xiri minn għand is-Sica, l-imputat wieġeb ‘Sewwa’ u wara qal li kien xtara xi tliet f’dak iż-żmien li semma fl-istatement ġuramentat.

Il-Qorti eżamiant ix-xheida kollha minkejja li x-xheida ta’ xhud wieħed hija biżżejjed u dik ta’ Chritopher Milton hija ċarissima,

Kemm l-imputat kif ukoll ix-xhud Joe Zammit ippruvaw jagħtu l-impessjoni li kulma kien hemm kien każ ta’ ‘sharing’.  L-ewwelnett, wara l-interpetazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ‘Il-Pulziija v Marco Galea’, żgur li l-interpretazzjoni tal-kliem tal-proviso introdott bl-Att XVI tas-sena 2006 żgur ma jixtgħux japplikaw għall-okkażjonijiet ripetuti ta’ qsim.  Issa l-provi hawn juru xi ħaġa agħar minn qsim.  L-imputat kien qiegħed ibiegħ. Il-provi huma ċari u l-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni din hija ppruvata mhux biss mill-istqarrija tal-imputatr iżda  mill-erba’ membri tal-Pulizija li għamlu t-tfittxija fil-garaxx tal-imputat u sabuh bil-boroż f’idejh.  Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni

## Konklużjoni

**Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(1)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101 u r-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat il-kummenti favorevoli favur l-imputat magħmula minn diversi persuni. Iżda dan ma jfissirx li fil-passat l-imputat ma kienx ibiegħ id-droga, Anzi dan il-bjegħ jirriżulta li kien isir regolarment u mhux xi one off. Għalhekk, wara li rat il-fedina penali tal-imputat, qed tikkundannah għal sena priġunerija u għall-ħlas ta' multa €1500 liema multa tista' titħallas bir-rata ta' ħamsin Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.**

**Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat iħallas €242.36 bħala spejjeż tal-espert maħtur fi żmien xahar mil-lum.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistatur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------